# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.6

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.6: Ħafna popli differenti … imma lkoll jitolbu**

**L-Għanijiet:**

Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:

1. Jitgħallmu postijiet ta' talb differenti ta' reliġjonijiet differenti.
2. Jitgħallmu li kollha qed jitolbu biex jirringrazzjaw lil Alla.
3. Jitgħallmu li għandhom jirrispettaw lil xulxin minkejja li jitolbu f'post u b'manjiera differenti minnhom.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Vidjow minn Youtube: Where we pray - http://www.youtube.com/watch?v=XVxXuGe2R5o
- Power Point Presentation: Reliġjonijiet differenti
- Karta ta' tahrig: 4.2.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi stampa ta' familja li qed titlob u tieħu sehem waqt quddiesa fi knisja. Staqsi lit-tfal x'qed jaraw fl-istampa u x'jaħsbu li n-nies tal-istampa qed jagħmlu (jitolbu).
- Staqsi wkoll lit-tfal l-esperjenza tagħhom tat-talb. Fejn imorru jitolbu, ma' min imorru jitolbu u jekk imorrux ta' spiss.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli l-lezzjoni billi tispjega lit-tfal li ser jisimgħu storja dwar tfal differenti, li għalkemm huma kollha qed imorru f'postijiet differenti, kollha qed jagħmlu l-istess ħaġa. Spjega li wara l-video, ser issaqsihom xi mistoqsijiet importanti dwar dak li jkunu raw u semgħu.
2. staqsi t-tfal dwar il-ħbieb ta' Taylor.

- Taylor jara lil sħabu jmorru f'postijiet differenti f'xi ġranet speċjali. Tiftakru fejn imorru?

  (Omar fis-Moskea, Bennie fis-Sinagoga, Sonia fit-Tempju)

- Għaliex taħsbu li jmorru f'dawn il-postijiet? (Biex jitolbu u jfaħħru lil Alla)
- Taħsbu li Taylor imur x'imkien speċjali biex jitlob u jfaħħar lil Alla? (Fil-Knisja)



3. Spjega li Taylor u sħabu kollha jmorru ġo postijiet differenti biex jitolbu u jfaħħru lil Alla. Staqsi:

- Għaliex taħsbu li jagħmlu hekk? (jeżistu reliġjonijiet differenti).
- Għaliex taħsbu li n-nies jitolbu? Taħsbu li n-nies kollha jitolbu l-istess?

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.2 u spjega lit-tfal Attività 1.
- Spjega Attività 2 u fakkar li jridu jużaw kuluri differenti għal kull sentenza.
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u fakkar kemm hu importanti li naċċettaw lil kulħadd.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nies ta' reliġjonijiet differenti, jitolbu ġo postijiet differenti u b'modi differenti.
2. Nitolbu biex infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla.
3. Għandna nirrispettaw lil xulxin minkejja li għandna reliġjon differenti.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jirrealizzaw kemm hu sabiħ li tikkomunika m'Alla imma mhux kulħadd jitlob bl-istess mod. It-tfal ikollhom rispett lejn min ma jitlobx bħalhom.



## Nitolbu

Mulej, għinna biex inkunu kapaċi nħobbu u nirrispettaw aktar lil xulxin speċjalment lil dawk it-tfal li ma jitolbux bħalna.

Grazzi Mulej.

